MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 431/2013

**Mobisle Communication Ltd**
**C - 24655**

**Vs**

**Caruana Murphy Ray**
**ID 447690(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Lulju, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenut ghand jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' erba' mija u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€420.83) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50911817 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpallat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Wara li gie debitament notifikat il-konvenut ipprezenta risposta fejn ecepixxa 'lli t-talba attrici hija 'nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, bl-ingunzjoni tas-socjeta' attrici in subizzjoni.

Xehdet Simone Whiteman li spjegat is-sistema kif tahdem peress illi l-konvenut inghata dan it-tip ta' servizz peress illi kien jahdem ma kumpanija.

Xehed il-konvenut illi 'kkonferma li kien hu li kellu jhallas il-kont tal-mobile izda wara li nbiddel l-arrangement u ghadiet il-kera mhux lest li jhallas dan l-ammont. Jghid illi lest li jhallas calls li ghamel hu izda izjed le.

It-Tribunal wara li ra x-xhieda u l-provi mressqa t-Tribunal ihoss illi l-konvenut ma gabx provi bizzejjed biex jispjega sa fejn ghandu jhallas. Fl-istess waqt fix-xhieda tieghu jghid illi hu lest li jhallas sa fejn uza hu. It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundana lil konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€420.83) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------